VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,674, 7 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 376 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in English Language Teaching – P.G.Cert. ELT - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 7 (b)(v) tal-Istatut taċ-Ċentru u l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in English Language Teaching – P.G.Cert. ELT - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Certificate in English Language Teaching - P.G.Cert. ELT;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in English Language Proficiency – P.G.Cert. ELT; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom ikollhom grad ta' Bachelor minn din l-Università jew minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla oħra rikonoxxuta, f'qasam ta' studju meqjus rilevanti mill-Bord tal-Istudji, sakemm li jkollhom ukoll kwalifika fl-Ingliż f'Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew l-IELTS bi grad 7 jew ekwivalenti.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' semestru wieħed ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-Programm ta' Studju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord tal-Istudji wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) L-istudenti li jkunu weħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS għal taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(2) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, ikunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

7. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.